MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 712/2000/1

**Mark Schembri & Associates Limited**

**vs**

**Calibre Industries Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm2899.62 in kwantu ghall-Lm1594.62 bhala bilanc ta' appalt konsistenti f'"wallpaper fixing" ezegwit fil-Libja mis-socjeta' istanti fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u in kwantu ghall-Lm1,305 bhala spejjez inkorsi mis-Socjeta' attrici in konnessjoni ma' l-istess xoghol;

Illi l-ammont ta’ Lm2899.62 huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili ( Kap 12 ) stante li fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda ecezzjoni xi tressaq kontra t-talbiet taghha;

Illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm interpellata baqghet ma hallsetx l-ammont minnha dovut;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjta konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi: -

Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smigh tal-kawza u dana ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm2899.62 bhala bilanc ta’ appalt konsistenti f’ “wallpaper fixing” u spejjez inkorsi minnha in konnessjoni ma’ l-istess xoghol kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar u tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mill-20 ta’ Jannar 2000, data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunat ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit : -

(1) In linea preliminari s-socjeta’ eccipjenti ma hijiex il-legittimu kontradditur u qatt ma ezistiet relazzjoni guridika jew kontrattazzjoni rigwardanti l-appalt imsemmi fic-citazzjoni;

(2) Fit-tieni lok l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ eccipjenti lis-socjeta’ attrici;

(3) Fit-tielet lok izda dejjem bla pregudizju ghall-premess huwa inaccettabbli li ssir talba ghall-ispejjez allegatament inkorsi meta kien fl-obbligu tas-socjeta’ attrici li tesegwixxi appalt li hi ftehemet mal-kommittent fil-Libja;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavits li gew presentati mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta attrici u dik respobnsiva tas-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta konvenuta hi debitrici taghha fis-somma komplessiva ta’ elfejn tmien mija u disa u disghin liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2899.62) in kwantu ghall Lm1594.62 bhala bilanc ta’ appalt ta’ “wallpaper fixing” ezegwit fil-Libja mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta u in kwantu ghall-Lm1305 bhala spejjez inkorsi mis-Socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ l-istess xoghol. Skond is-socjeta attrici l-imsemmi ammont baqa ma thallax u ghalhekk qed issir din il-kawza sabiex is-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmi ammont totali;

Minn naha taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li hi mhux il-legittimu kontradditur u li qatt ma ezistiet relazzjoni guridika jew kontrattazzjoni rigwardanti l-appalt imsemmi fic-citazzjoni. Teccepixxi ukoll li l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ eccipjenti lis-socjeta’ attrici u li ma ma huma dovuti l-ebda spejjez stante li kien fl-

obbligu tas-socjeta' attrici li tesegwixxi appalt li hi ftehemet mal-kommittent fil-Libja;

Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta konvenuta specifikat illi hi ma nkarigat jew ikkommissjonat lis-socjeta' attrici dwar appalt in kwestjoni. Is-socjeta' konvenuta kienet biss introduciet lis-socjeta attrici mal-kommittent kumpanija Indjana fil-Libja u l-ftehim sar direttament bejn dan il-kommittent u s-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta ma rceviet l-ebda kommissjoni fuq dan l-appalt u qatt ma assumiet xi obbligu ta' pagament versu s-socjeta' attrici;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici kienet ghamlet xoghol ta' "wall paper fixing" gewwa l-Libja. Ghar-rigward ta' dan ix-xoghol is-socjeta attrici kienet giet ghall-ewwel avvicinata minn certu Raymond Cortis. Is-socjeta attrici ssostni li dan Raymond Cortis kien qed jagixxi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta konvenuta. Difatti s-socjeta attrici ssostni li l-imsemmi Cortis kien iddikjara li s-socjeta attrici kien ser ikolla x'taqsam biss mas-socjeta konvenuta f'dan ix-xoghol;

Direttur tas-socjeta attrici kkonferma li, wara l-imsemmi l-ewwel inkontru ma Cortis, huwa mar il-Libja biex jara x-xoghol li kellu isir. Huwa mar mal-imsemmi Cortis u l-passaggi u l-akkomodazzjoni gewwa l-Libja halsithom is-socjeta konvenuta. L-istess direttur semma li huwa kien informa lill Cortis bil-prezz tax-xoghol in kwestjoni u dawn il-prezzijiet gew konfermati fil-mawra gewwa l-Libja. Meta gew lura Malta sar skambju bejn id-direttur tas-socjeta attrici u Cortis ta' abbozzi ta' ftehim bil-miktub dwar ix-xoghol in kwestjoni. Il-ftehim relattiv pero' qatt ma gie iffirmat. Fl-abbozzi kien hemm indikat li l-ftehim kien qed isir bejn is-socjetajiet kontendenti;

L-istess direttur tas-socjeta attrici kkonferma ukoll li l-passaggi tal-ewwel haddiema li marru l-Libja biex jesegwixxu x-xoghol in kwestjoni hallsithom is-socjeta konvenuta. Eventwalment ix-xoghol tlesta u inhareg

certifikat fejn gie dikjarat li x-xoghoi sar tajjeb u fejn saret konferma tal-qisien tal-wall paper. Dan ic-certifikat gie mghoddi lis-socjeta konvenuta u sssegwentment inharget il-fattura li ntbghatet lis-socjeta konvenuta;

Skond is-socjeta attrici Raymond Cortis talab zmien biex ihallas sakhemm jigu l-fondi minn barra. Jidher li dawn il-fondi damu ma jaslu u ghalhekk jirrizulta li s-socjeta konvenuta ghamlet pagament akkont mill-fondi taghha;

Inoltre l-istess direttur tas-socjeta attrici kkonferma li kien Raymond Cortis li kien qallu li l-kuntrat kien zdied u ghalhekk kellhom jghamlu aktar hitan minn dak li kien mahsub fil-bidu. Ghahekk il-ftehim originali sar ma' Raymond Cortis, li kien ukoll informa lis-socjeta attrici bix-xoghol ulterjuri li kellu jsir;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta kkonfermat li kienet qed tghamel xoghol ta’ aluminium u hgieg ghal socjeta ohra estera. Din is-socjeta estera talbet biex isir ukoll xoghol ta’ wall paper. Ghalhekk giet avvicinata s-socjeta attrici, li uriet li kienet interessata li tipprovdi dan it-tip ta’ servizz. Ghalhekk laqqghu lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici mar-rapprezentanti tas-socjeta’ estera. Is-socjeta konvenuta kkonfermat li ghamlitha cara li ma kellha x’taqsam xejn ma dak li gie miftiehem bejn is-socjeta attrici u s-socjeta estera;

Ufficjali tas-socjeta konvenuta qalu li s-socjeta attrici riedet thallas kummissjoni lis-socjeta konvenuta, pero’ huma rrifjutaw. L-istess ufficjali kkonfermaw li fl-ebda hin ma thallset xi kummissjoni lis-socjeta konvenuta dwar dan ix-xoghol;

L-imsemmi Raymond Cortis qal li l-abbozzi tal-ftehim li gew skambjati in effett ma gewx iffirmati peress li s-socjeta konvenuta ma kella x’taqsam xejn fin-negozju li sehh biss bejn is-socjeta atttrici u dik estera;

Minn naha tas-socjeta konvenuta gie konfermat li kienet tiehu hsieb tghamel il-hlasijiet lis-socjeta attrici malli tircievi l-fondi minn barra. Kien sar ftehim f'dan is-sens mas-socjeta atttrici. Skond is-socjeta konvenuta accettat li tghamel dawn il-hlasijiet bil-patt li kull ma kien qed isir kien li s-socjeta konvenuta kienet qed tircievi l-flus minn barra u wara tghaddihom lis-socjeta' attrici. Gie ammess li kien hemm okkazzjoni fejn is-socjeta konvenuta ghamlet pagament lis-socjeta attrici mill-fondi taghha pero', skond is-socjeta konvenuta dan il-pagament sar bil-hsieb li l-flus kienu gejjin minn barra;

Ghalhekk jirrizulta li l-parrtijiet joffru verzjonijiet ghal kollox differenti ta' kif graw il-fatti li wasslu ghal din il-vertenza;

Wara li l-Qorti qieset ir-rizultanzi kollha u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz thoss li kien hemm involviment kummercjali tas-socjeta konvenuta fix-xoghol in kwestjoni li sar mis-socjeta attrici;

Effettivament jirrizulta dan li gej :-

(1) Raymond Cortis ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta kien avvicina s-socjeta attrici biex sar ix-xoghol in kwestjoni;
(2) Raymond Cortis f'dan l-ewwel inkontru kien ikkonferma li s-socjeta attrici kien ser ikolla x'taqsam biss mas-socjeta konvenuta;
(3) Is-socjeta' konvenuta hallset il-passaggi sabiex id-direttur tas-socjeta attrici mar jara ix-xoghol li kellu jsir barra minn Malta;
(4) Is-socjeta konvenuta ukoll hallset il-passaggi tal-ewwel haddiema li marru biex jesegwixxu l-istess xoghol;
(5) Kien ukoll l-istess Raymond Cortis li kien informa lis-socjeta attrici li x-xoghol kien zdiet;

(6) Is-socjeta konvenuta ssottomettiet ukoll abbozz tal-ftehim miktub. F'dan l-abbozz jirrizulta l-involviment tas-socjeta konvenuta fl-appalt jew sub-appalt in kwestjoni li gie mghoti lis-socjeta attrici.
(7) Il-pagamenti kollha saru esklusivament mis-socjeta konvenuta permezz ta' cekkijiet mahrugin fuq il-kont tal-istess socjeta konvenuta;
(8) Is-socjeta konvenuta tammetti ukoll li ghamlet pagament akkont meta kienet ghada ma rcevietx il-fondi minn barra. Ir-ragunijiet ghaliex sar dan il-pagament ukoll mhux ghal kollox kredibbli;
(9) Huwa minnu illi ma giex iffirmat ftehim bil-miktub, pero' l-abbozzi li gew skambjati huma indikattivi ta' x';kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Ghar-rigward tal-intenzjonijiet tas-socjeta konvenuta hu importanti l-abbozz sottomess mill-istess socjeta konvenuta;
(10) Jirrizulta ukoll li fiz-zmien in kwestjoni Raymond Cortis kien is-segretarju ts-socjeta konvenuta;
(11) Is-socjeta konvenuta ssostni li kienet assumiet l-oneru li thallas il-pagamenti wara li tircievi l-fondi minn barra fuq insistenza tas-socjeta attrici. Dan mhux ghal kollox kredibbli. Ma tirrizultax raguni valida ghala s-socjeta attrici kellha tghamel din l-insistenza. Ma jirrizultax li kien ser ikun hemm xi diffikultajiet specjali jekk il-hlas isir direttament lis-socjeta attrici minn barra minn Malta;
(12) Is-socjeta konvenuta naqset li tipproduci dokumenti u kotba tan-negozju li juru li ma kella ebda involviment fil-kuntratt tal-wall paper in kwestjoni. Dan qed jinghad b'mod partikolari ghar-rigward tal-hlasjiet li kienu isiru lis-socjeta attrici wara li jigu l-fondi minn barra;
(13) Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta konvenuta hi l-legittimu kuntradittur u li tesisti relazzjoni guridika mas-socjeta attrici dwar l-appalt imsemrni fic-citazzjoni;
(14) Is-socjeta attrici ghalhekk tista titlob ukoll l-ispejjez inkorsi ghall-appalt;
(15) Is-socjeta konvenuta hi socjeta kummercjali u tesisti bil-ghan li jsir profitt. Konsegwentement ir-ragunijiet li nghataw ghaliex l-istess socjeta konvenuta ma riditx tinvolvi ruhha f'dan in-negozju mhux daqstant kredibbli;
(16) Id-dokument prodott mis-socjeta konvenuta fejn allegatament hemm dikjarazzjoni tas-socjeta estera mhux

qed jinghata konsiderazzjoni peress li dan mhux konfermat minn min suppost ghamel din id-dikjarazzjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta jimmeritaw li jigu respinti filwaqt li t-talbiet attrici kollha ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u konsegwentement u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u disa u disghin liri maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2899.62) bilanc ta' appalt konsistenti f'"wallpaper fixing" u spejjez inkorsi in konnessjoni ma' l-istess xoghol u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-20 ta' Jannar 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------